# IKTAR TRASPARENZA U RESPONSABILITÀ FUQ FONDI MILL-UE



Is-sena 2007, minbarra li tat il-bidu għall-baġit il-ġdid tal-UE (perjodu 2007-2013), kienet ukoll is-sena li l-fondi mill-UE bdew jiġu amministrati bi prinċipji differenti, bil-għan li jkun hemm iktar trasparenza u responsabilità. Din se ġġib magħha anqas burokrazija fl-amministrazzjoni, iktar aċċessibilità għall-fondi għal kumpaniji żgħar u dawk ta' daqs medju, u wkoll għal għaqdiet non-governattivi.

Il-prinċipju ta' trasparenza jaf il-bidu tiegħu lil Siim Kallas, Viċi-President fil-Kummissjoni Ewropea responsabbli mill-Affarijiet Amministrattivi, il-Verifiki u Kontra l-Frodi. Dan tkellem diversi drabi dwar l-importanza ta' trasparenza Ewropea permezz ta' għodod iktar effettivi u billi jkun hemm strutturi fl-Unjoni Ewropea iktar miftuħa. Tant huwa hekk, li l-*Green Paper* dwar l-Inizjattiva għat-Trasparenza Ewropea, addottata fit-3 ta' Mejju 2006, issemmi erba' fatturi. Dawn huma trasparenza fil-proċess u l-parteċipazzjoni tal-*lobby group* fit-teħid ta' deċizjonijiet ta' l-UE, etika għal uffiċjali pubbliċi, aċċess għad-dokumenti u wkoll immaniġġjar aħjar tal-fondi tal-UE.

Il-Kummissjoni Ewropea, wara sensiela ta' konsultazzjonijiet, ħolqot reġistru volontarju għal dawk kollha li jirrappreżentaw xi interess u li x-xogħol tagħhom jinvolvi li jmexxu dawn l-interessi fl-istituzzjonijet Ewropej. Ta' min isemmi wkoll li bħalissa għaddeja konsultazzjoni oħra li qiegħda tibni fuq din. Il-proċess ta' konsultazzjoni li għaddej huwa dwar il-kodiċi ta' kondotta ta' dawn l-individwi.

L-għan aħħari ta' dan l-inizjattiva huwa li kull organizazzjoni jew individwu li b'xi mod jew ieħor għandha x'taqsam ma' fondi mill-UE, jkollha trattament trasparenti skond ma' jgħidu ir-regoli finanzjarji ta' l-UE u wkoll id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni pubblika. Dan ikompli jikkumplimenta u jibni fuq il-prinċipju tas-sussidjarità, fejn hemm id-deċentralizazzjoni tal-poter. Barra minn hekk, din l-inizjattiva tagħti lok għal rendikont iktar miftuħ u effettiv liċ-ċittadini Ewropej kollha ta' x'qiegħed isir bil-flus tat-taxxi tagħhom. Fil-fatt, ir-regoli finanzjarji godda jobbligaw il-pubblikazzjoni ta' l-ismijiet tal-benefiċjarji tal-fondi strutturali mill-baġit tal-2007 'il quddiem u wkoll tal-fondi agrikoli mill-baġit tal-2008 'il quddiem. Dan ifisser li l-ewwel listi se jkunu pubblikati fl-2008 għall-fondi strutturali u fl-2009 għall-fondi agrikoli. Barra minn hekk, il-Kummissjoni Ewropea qiegħda tagħmel emfażi ikbar fuq il-viżibilità tal-programmi b'fondi diretti u hemm l-obbligu li jiġu pubblikati l-ismijiet tal-organizazzjonijiet li jibbenefikaw minn dawn il-fondi.

Din l-inizjattiva mhix rizultat ta' xi biċċa jew soluzzjoni għal xi każ ta' frodi, imma mod ta' kif tiġi rispettata u mħarsa l-intelliġenza u d-dritt ta' l-informazzjoni. Huwa wkoll mod li jkompli jikkonsolida l-Pjan D – bil-għan li l-UE tkun eqreb taċ-ċittadini u li kull ċittadin iħossu parti integrali jew ta' l-anqas jkun jaf x'inhu jseħħ tul il-proċess kollu.



***Minn Joseph Lynn Micallef***